MALTA

# TRIBUNAL TAL-APPELL GHALL-KOMPETIZZJONI U GHALL-KONSUMATUR

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 3/2008/1

**Miqna Systems Limited u**
**MaltaTicket.com Limited**

**vs**

**Ufficju ghall-Kompetizzjoni**
**wara l-ilment tal-istess Miqna Systems Limited**

**It-Tribunal**

Ra t-talba ta’ Miqna Systems Ltd u MaltaTicketing.com Limited tat-3 ta’ Dicembru 2008 li permezz taghha l-istess socjetajiet talbu revizjoni tad-decizjoni (“id-Decizjoni”) tal-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta (“l-Ufficju”) tat-2 ta’ Dicembru 2008;

Ra l-atti kollha inkluz in-noti tal-partijiet;

Ra l-verbal tas-27 ta' Frar 2013 fejn ir-rikors thalla ghad-decizjoni tat-Tribunal.

**Ikkunsidra**

Illi fit-2 ta' Jannar 2007, is-socjeta' Miqna Systems Ltd issottomettiet ilment mal-Ufficju fis-sens li l-Mediterranean Conference Centre Management Committee ("MCCMC") kien qed jikser il-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379) in kwantu kien qed jesigi minghand l-organizzaturi ta' avvenimenti fil- facilitajiet tal-Mediterranean Conference Centre ("MCC") li l-biljetti li jinhargu ghall-avvenimenti li jittellghu gewwa l-MCC riedu jinbieghu esklussivament mill-*box office* u *ticketing system* li kienet taht il-kontroll tal-MCC.

Illi fit-23 ta' April 2007, fuq talba tal-lanjant, Maltaticket.com Limited inghaqdet fl-ilment in kwistjoni bhala lanjant iehor in kwantu tali socjeta' giet iffurmata biex tiggestixxi l-operat tal-Miqna Systems Limited.

Illi l-MCCMC kien korp ufficjalment appuntat mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Zaghzagh u Sport u kellu fir-responsabbilta' tieghu *inter alia* li jmexxi l-MCC inkluz il-finanzi tal-istess u l-bejgh u *marketing* tal-facilitajiet gewwa l-MCC.

L-attivitajiet li kienu jigu mtella' minn terzi fl-MCC ivarjaw minn *festivals* tal-kanzunetti, wirjiet tal-moda, attivitajiet minn kumpaniji taz-zfin, kuncerti orkestrali u *musicals* fost ohrajn.

**Fatti**

**L-Ilment ta' Miqna Systems Ltd**

L-MCCMC kienet tesigi li kull organizattur li jkun irid jikri il-facilitajiet tal-MCC ried johrog il-biljetti ghal dawn l-attivitajiet esklussivament mill-*box office* tal-MCC jew it-*ticket system* immexxiha minnha. L-organizzaturi ma kienux jithallew ibieghu l-biljetti taghhom, sakemm ma jkunux xtrawhom u hallsu ghalihom minn qabel.

Il-lanjant issottometta li din il-*policy* addottata mill-MCCMC f'dak li jirrigwarda l-kiri tal-facilitajiet tikkontravvjeni l-provvedimenti tal-artikolu 5 u kif ukoll artikolu 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni.

Fir-rigward tal-artikolu 5, il-lanjant jikkontendi li dan l-agir tal-MCCMC jikkostitwixxi decizjoni minn assocjazjoni ta' intraprizi maghmula mill-MCC, mit-Teatru Manoel u mill-Gvern li ghandha bhala l-ghan jew l-effett taghha l-prevenzjoni, r-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni f'Malta jew f'xi parti minn Malta.

Il-lanjant issottometta li din id-decizjoni tillimita s-suq tal-produzzjoni u bejgh ta' biljetti kif ukoll tirrendi l-konkluzjoni ta' kuntratti ghall-kiri tas-sala gewwa l-MCC suggetta ghall-accetazzjoni mill-partijiet l-ohra ta' obbligazzjonijiet supplimentari (il-bejgh tal-biljetti) li min-natura taghhom jew skond uzu kummercjali, m'ghandhom ebda konnessjoni mas-suggett ta' dawn il-kuntratti.

Fir-rigward tal-artikolu 9, il-lanjant jikkontendi li l-agir tal-MCCMC jikkostitwixxi abbuz mill-posizzjoni dominanti taghha billi tillimita s-suq tal-biljetti bi pregudizzju ghall-konsumatur u wkoll li tissoggetta l-konkluzjoni tal-kuntratti ghall-kiri tas-sala ghall-accettazzjoni mill-partijiet l-ohra ta' obbligazzjonijiet supplimentari (il-bejgh tal-biljetti) li min-natura taghhom jew skond uzu kummercjali, m'ghandhom ebda konnessjoni mas-suggett ta' dawn il-kuntratti.

**L-argumenti tal-MCCMC**

L-MCCMC tikkontendi li, fir-rigward ta' artikolu 5, ir-relazzjoni bejn zewg entitajiet ma tfissirx necessarjament li ghandha l-ghan jew l-effett tal-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni f'Malta jew f'xi parti minn Malta. Ir-relazzjoni li kien hemm mat-Teatru Manoel kienet wahda perfettament legittima. Ma kien hemm ebda ftehim bejn l-organizzaturi fit-thaddim tal-*policy* in kwistjoni.

Fir-rigward tal-artikolu 9, l-MCCMC ma taqbilx ma' dak deciz mill-Ufficju li l-MCC kellha, fil-perjodu in kwistjoni, posizzjoni dominanti fis-suq rilevanti pero' taqbel mal-konkluzjoni tal-Ufficju li l-kiri tas-swali u l-bejgh tal-biljetti huma zewgt iswieq differenti u separati. L-MCCMC taqbel ukoll mal-konkluzjoni tal-Ufficju li l-limitazzjoni tal-bejgh tal-biljetti ghal-facilita "in-house" tiddependi mill-*policy* partikolari addotata minn min ikun qed immexxi dak il-"venue". L-MCCMC irrilevat li din il-*policy* kienet addottata wkoll minn zewg "venues" ohra. In oltre, l-fatt li l-MCCMC addottat din il-*policy* ma kellhux l-effett li jsahhah il-posizzjoni tal-MCC f'dan is-suq. Fil-fatt l-effett ta' din il-*policy* kienet taffetwa biss lil minn ried jorganizza avveniment gewwa l-MCC u mhux is-suq tat-*ticketing services* f'Malta. L-MCCMC tikkontendi li l-Miqna Systems Limited kellha access mhux biss fis-suq tas-swali tat-teatru izda anke dawk tal-kuncerti, sports, arti li jinkludu il-muzewijiet, kif ukoll attrazzjonijiet ghal familja bhal ezibizzjonijiet, wirjiet tal-fjuri, *festivals* u *parties*.

**Id-Decizjoni**

Fir-rigward tal-artikolu 5, l-Ufficju kkonkluda li l-fatt li l-MCCMC kienet timponi kundizzjonijiet ghall-kiri tas-sala ma jfissirx li kien jezisti ftehim bejn l-istess MCCMC u l-organizzaturi tal-avvenimenti gewwa l-MCC. L-Ufficju kkonkluda li l-agir in ezami ma jistghax jigi kkunsidrat bhala partecipazzjoni fi ftehim ai termini tal-artikolu 5. L-Ufficju kkunisdra li din ir-relazzjoni kummercjali ma tipprevjenix li dan l-agir jigi kkunsidrat bhala wiehed unilaterali.

Skond l-Ufficju, anqas ma jista' jinghad li 'event organizer' ippartecipa f'din il-*policy* tal-MCCMC biex ixekkel il-kompetizzjoni fil-produzzjoni u l-bejgh tal-biljetti in kwantu kull min ried jorganizza xi avveniment gewwa l-MCC kellu joqghod ghal-istess kundizzjonijiet li kienu jigu imposti mill-MCCMC fuq l-organizzaturi kollha u ghalhekk ma kien hemm ebda bzonn ta' kooperazzjoni jew assistenza fit-thaddim ta' din il-*policy*. Ghalhekk l-Ufficju kkonkluda li ma jezisti ebda ftehim bejn intraprizi ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap. 379.

Fir-rigward ta’ assocjazzjoni ta’ intraprizi, l-Ufficju qal li l-Qorti u l-Kummissjoni Ewropea jikkonsidraw li assocjazzjoni ta’ intraprizi tikkonsisti, per ezempju, f’ko-operattivi agrikoli, assocjazjonijiet f’dati b’funzjonijiet statutorji u assocjazjonijiet ta’ ghaqdiet kummercjali. Dawn l-assocjazjonijiet jikkonsistu f’intraprizi li jaghmlu l-istess attivitajiet ekonomici li inghaqdu bhala korp komun biex jirraprezentaw l-interessi kummercjali tal-membri li kienu qed jaghmlu l-istess attivita ekonomika.

L-Ufficju qal ukoll li l-MCCMC ma kienetx qed tagixxi ghan-nom jew b’xi mod tirrapprezenta l-interessi ta’ membri individwali hlief lill-Gvern. Lanqas ma hi maghmula esklussivament jew fil-maggoranza taghha minn membri involuti fis-suq tat-teatri jew dak tal-bejgh tal-biljetti. Il-membri tal-MCCMC kienu kollha involuti f’attivita ekonomika taghhom stess, liema attivitajiet m’humiex relatati mas-swieq in dizamina. Ghalhekk il-Ufficju kkonkluda li ma tesizti ebda assocjazzjoni ta’ intraprizi ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Kap. 379.

Fir-rigward tal-artikolu 9, l-Ufficju kkonkluda li l-MCC kellha, fil-perjodu in kwistjoni, posizzjoni dominanti fis-suq ta’ teatri li fihom jittelghu spettakli fil-maghluq u li jesghu izjed minn 1000 spettatur.

Fid-Decizjoni, l-Ufficju ghadda biex jezamina jekk l-MCCMC kienetx qed tezercita “tying” meta kienet qed tmexxi il-*policy* taghha li biex wiehed jixtri prodott jew servizz minghandha (il-kiri tas-sala) kien qed jigi obbligat li jixtri prodott iehor (is-servizz tal-bejgh tal-biljetti li m’huwiex relatat mas-suq tal-kiri tas-swali).

L-Ufficju qal li skond il-gurisprudenza Ewropeja, sabiex jigi stabbilit “tying”, wiehed irid isib li (a) l-intrapriza koncernata ghandha sahha fis-suq relevanti; (b) li l-prodotti koncernati jinsabu fi swieq differenti; (c) li kien qed jigi impost obbligu fuq terzi mill-intrapriza koncernata u (d) li hemm effett restrittiv fil-kompetizzjoni tal-prodott li kien qed jigi “tied”.

L-Ufficju kkonkluda li l-MCC kienet dominanti kif jinghad aktar ‘il fuq u li l-kiri tas-swali u l-bejgh tal-biljetti huma zewgt iswieq differenti. Instab ukoll mill-Ufficju li l-*policy* in kwistjoni kienet imposta mill-MCCMC bhala obbligu fuq l-organizzaturi tal-avvenimenti fl-MCC.

Fir-rigward tar-raba’ fattur, u cioe’ jekk bl-agir tal-MCCMC sehhitx restrizzjoni fil-kompetizzjoni, l-Ufficju ikkonkluda li l-MCCMC ma kienx jikkompeti fil-bejgh u produzzjoni tal-biljetti (tied market). Fil-fatt kien jipprovdi “ticketing services” ghall-avvenimenti fl-MCC biss u li in oltre ma kien isir ebda bejgh jew qliegh ghal dan is-servizz.

L-Ufficju kkonkluda li l-MCCMC ma kienx u lanqas potenzjalment setgha jipprevjeni lil Miqna Systems Limited milli tipprovdi *ticketing services*. L-Ufficju qal ukoll li anzi l-kuntrarju setgha jinghad in kwantu Miqna Systems Limited kellha mija fil-mija tas-suq tal-bejgh tal-biljetti peress li dak iz-zmien kienet l-unika intrapriza li kienet qed topera f’dak is-suq.

Fir-rigward tal-fatt jekk l-MCCMC kienetx qed tillimita s-suq bi hsara ghall-konsumaturi, l-Ufficju ma sabx li l-MCCMC ma kienx qed ilahhaq mad-domanda tal-konsumaturi u ghalhekk l-Ufficju kkonkluda li l-MCCMC ma kienx qed jillimita is-suq.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Ufficju iddecieda li l-MCCMC ma kkontravvjenietx l-Artikoli 5 jew 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi fl-ewwel lok l-appellanti qed jallegaw li l-azzjonijiet tal-MCCMC jikkontravvjenu b’mod generali l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu jipprevjenu l-kompetizzjoni f’Malta fir-rigward tal-produzzjoni u l-bejgh tal-biljetti u in oltre jikkontravvjenu b’mod partikolari s-subartikoli (b) u (e) tal-istess artikolu 5(1). Illi l-artikoli in kwistjoni huma s-segwenti:
5. (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att, dan li gej mhuwiex legittimu, jigifieri kull akkordju bejn intraprizi,

kull decizjoni minn ghaqda ta' intraprizi u kull prattika miftiehma bejn intraprizi li jkollhom bhala ghan jew rizultat taghhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni f'Malta jew f'xi parti minn Malta u partikolarment, izda minghajr pregudizzju ghall-generalità ta' dan is-subartikolu, xi akkordju, decizjoni jew prattika li:

(b) jillimitaw jew jikkontrollaw il-produzzjoni, is-swieq, l-izvilupp tekniku jew l-investiment; jew

(e) jaghmlu l-konkluzjoni ta' kuntratti suggetta ghall-accettazzjoni mill-partijiet l-ohra ta' obbligazzjonijiet supplimentari li, mix-xorta taghhom jew skont l-uzu kummercjali, ma jkollhom ebda konnessjoni mas-suggett ta' kuntratti bhal dawn.

Illi sabiex jinstab li tkun sehhet kontravvenzjoni tal-artikolu 5(1) *in primis* irid jigi stabbilit jekk hemmx akkordju bejn intraprizi (*agreement between undertakings*), decizjoni minn ghaqda ta' intraprizi (*decision by an association of undertakings*) jew prattika miftiehma bejn intraprizi (*concerted practice between undertakings*), in kwantu dan huwa l-ewwel element tal-artikolu in kwistjoni.

Fil-kaz odjern, l-appellanti qed jallegaw li tezisti decizjoni minn ghaqda ta' intraprizi (fol. 119 para. 3, 120 para.7, 123 para. 16) in kwantu, skont l-appellanti: *"the operative structure in practice of the MCCMC consists of a de facto association of undertakings. The MCCMC is one of two operating entities, the other operating entity being the Manoel Theatre, both located in Valletta, sharing the same chairperson at the time of the complaint, and both owned by the same single shareholder – the Government of Malta. The association is therefore the Government of Malta, with the undertakings involved within it being the two mentioned theatres"* (fol. 120, para. 7).

It-Tribunal ma jaqbilx mal-interpretazzjoni tal-appellanti li ttiehdet decizjoni minn ghaqda ta' intraprizi. Il-Kapitolu 379 jaghti s-segwenti definizzjoni ta' "ghaqda ta' intraprizi", u cioe' *"korp ta' persuni (sew jekk inkorporat jew le) li jkun kostitwit bil-ghan li jippromwovi l-interess*

*kummercjali tal-membri tieghu jew ta' persuni rapprezentati mill-membri tieghu."* L-MCCMC giet ikkostitwita sabiex il-membri taghha flimkien jippromwovu u jharsu l-interessi tal-MCC u mhux taghhom personali jew ta' xi intraprizi individwali ohra minnhom rapprezentati. M'hemmx dubju ghat-Tribunal li l-MCCMC hija intrapriza wahda, ffurmata bl-ghan li tiggestixxi l-MCC u ghalhekk ma tikkostitwix ghaqda ta' intraprizi kif definita' fil-ligi. Kwindi, d-decizjoni in ezami ma ttiehditx minn ghaqda ta' intraprizi kif allegat mill-appellanti.

Ghalhekk l-aggravvju tal-appellanti koncernanti l-allegata kontravvenzjoni tal-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 379 qieghed jigi michud in kwantu ma tirrizulta l-ebda decizjoni minn ghaqda ta' intraprizi.

Illi fit-tieni lok, l-appellanti qed jallegaw ukoll li l-azzjonijiet tal-MCCMC jikkontravvjenu l-artikoli 9(2)(b) u 9(2)(d) tal-Kapitolu 379 in kwantu l-MCCMC qed tabbuza minn pozizzjoni dominanti fejn (i) qed tillimita s-suq tat-*ticketing* bi hsara ghall-konsumaturi; u (ii) qed tikkundizzjona l-konkluzjoni tal-kuntratti ghall-kiri tal-MCC ghall-accettazzjoni mill-parti l-ohra (l-*event organisers*) ta' obbligazzjoni supplimentari (*ticketing service*) li, mix-xorta taghha jew skont l-uzu kummercjali, m'ghandha ebda konnessjoni mas-suggett ta' kuntratti bhal dawk.

Illi l-ewwel element li jrid jigi stabbilit sabiex jigi deciz jekk sehhitx kontravvenzjoni tal-artikolu 9(2) da parte tal-MCCMC huwa jekk l-istess MCCMC ghandhiex fil-fatt pozizzjoni dominanti fis-suq rilevanti. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jabbraccja u jaqbel mal-analizi u l-konkluzjoni tal-Ufficju u cioe' li l-MCCMC hija dominanti fis-suq tal-kiri ta' teatri maghluqa (*indoor theatres*) f'Malta b'kapacita ta' 'l fuq minn 1001 ruh, liema konkluzjoni hija kondiviza wkoll mill-appellanti.

Stabbilita d-dominanza tal-MCCMC fis-suq rilevanti, it-Tribunal ezamina l-lanjanza tal-appellanti dwar jekk l-MCCMC hijiex qed tikkontravvjeni l-artikolu 9(2)(b) u cioe' tillimita s-suq tat-*ticketing* bi hsara ghall-konsumaturi. F'dan ir-rigward l-appellanti argumentaw li l-konsumaturi

huma tnejn ossia l-pubbliku in generali li jattendi ghall-avvenimenti organizzati fl-MCC u l-*event organisers* li juzaw is-servizzi tal-MCC biex izommu l-avvenimenti taghhom.

Jirrizulta li s-sistema li kienet tintuza mill-MCC dak iz-zmien li sar l-ilment kienet ta' *booking office* fl-MCC fil-hinijiet tal-ufficju fejn il-pubbliku seta' jixtri l-biljetti, jaghzel il-post fis-sala u jottjeni l-informazzjoni kollha rikjesta. B'din is-sistema' setghu jikkontrollaw ukoll li ma jsirux *bookings* doppji. In oltre, l-MCC kellha wkoll *email booking system*. L-MCC riedet li tiggestixxi l-bejgh tal-biljetti hi stess in kwantu riedet tikkontrolla l-introjtu ggenerat mill-bejgh sabiex hi tkun gia gabret dak dovut lilha qabel ma jircievi flusu l-*event organizer* u b'hekk tevita l-abbuzi u t-telf li kienu jsehhu fil-passat. Fil-fatt jirrizulta li l-MCC ma kienet taghmel l-ebda qliegh minn dan is-servizz ta' *ticketing*.

Ma tressqu l-ebda provi li juru li s-servizz tat-*ticketing* ipprovdut mill-MCC ma kienx qieghed jaqdi d-domanda tal-konsumaturi ghal tali servizz. Fil-fatt l-MCC ma kellha l-ebda ilmenti f'dan is-sens. Darba minnhom kien hemm xi problema ta' *bookings* doppji pero' dan mhux minhabba difett fis-sistema. Kwindi fic-cirkustanzi tal-kaz ma jirrizultax li s-servizz offrut kien limitat jew li l-konsumaturi ta' dan is-servizz kienu qeghdin jigu b'xi mod ippregudikati.

Ghalhekk ma jistax jinghad li l-MCCMC ikkontravvjeniet l-artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 379 u kwindi dan l-aggravvju tal-appellanti qieghed jigi michud.

Illi permezz tal-ahhar aggravju taghhom l-appellanti qed jallegaw li l-MCCMC qed tikkontravvjeni l-artikolu 9(2)(d) tal-Kap. 379 in kwantu qed tikkundizzjona l-konkluzjoni tal-kuntratti ghall-kiri tal-MCC ghall-accettazzjoni mill-*event organisers* li t-*ticketing service* tinghata esklussivament mill-MCC u li din hija obbligazzjoni supplimentari li m'ghandha ebda konnessjoni mal-kuntratt ghall-kiri tal-MCC. Dan jissejjah *tying* u cioe' fejn servizz jigi supplit bil-kundizzjoni li l-istess fornitur jissupplixxi

wkoll servizz iehor separat. Fil-kaz odjern is-suq tal-kiri tat-teatri maghluqa huwa t-*tying market* filwaqt li s-suq tat-*ticketing* huwa t-*tied market*.

Ghalkemm il-prattika tat-*tying* giet stabbilita bhala anti-kompetittiva mill-Qorti Ewropea f'diversi kazijiet[1], *tying* ma jirrizultax awtomatikament f'kontravvenzjoni tal-artikolu 9(2)(d) tal-Kap. 379 u kull kaz ghandu jigi evalwat fic-cirkostanzi partikolari tieghu. Fil-kaz ta' *Microsoft*[2] gie stabbilit li: *"Tying prohibited under Article 82*[3] *of the Treaty requires the presence of the following elements: (i) the tying and tied goods are two separate products; (ii) the undertaking concerned is dominant in the tying product market; (iii) the undertaking concerned does not give customers a choice to obtain the tying product without the tied product; and (iv) tying forecloses competition."*

Jirrizulta li hemm qbil bejn l-appellanti u l-Ufficju fir-rigward tal-ewwel tlett elementi hawn fuq imsemmija u cioe', (i) li s-servizz tat-*ticketing* huwa servizz separat mis-servizz tal-kiri tat-teatri; (ii) li l-MCCMC hija dominanti fis-suq tal-kiri ta' teatri maghluqa (*indoor theatres*) f'Malta b'kapacita ta' 'l fuq minn 1001 ruh; u (iii) li l-*event organisers* li jikru l-MCC huma obbligati mill-MCCMC sabiex jutilizzaw ukoll it-*ticketing service* tal-MCC u m'ghandhomx ghazla ohra ghas-servizz tat-*ticketing*.

Fir-rigward tar-raba element, irid jigi stabbilit jekk bl-agir taghha l-MCCMC kienetx qed tirristringi l-kompetizzjoni fis-suq tas-servizz tat-*ticketing* jew inkella ssahhah il-posizzjoni taghha fis-suq tal-kiri tat-teatri ghal vantagg taghha.

Fil-kaz tat-*tied market*, u cioe' s-suq tas-servizz tat-*ticketing*, it-Tribunal ha in konsiderazzjoni kemm il-posizzjoni u r-rwol tal-kompetituri f'dan is-suq, fosthom l-appellant, u kif ukoll ir-rwol tal-MCCMC, u fuq kollox l-effetti fuq l-istess b'rizultat tal-agir in ezami. Fattur

[1] **Hilti vs Commission**, ECJ, Case C-53/92 (1994) ECR I-667 u **Tetra Pak International vs Commission** (1996) ECR I-5951, (1997) 4, CMLR 662
[2] **Microsoft Corporation vs Commission** Case T-201/04 (2004) ECR II-2977 para 859 – vide decizjoni tal-Kummissjoni Case COMP/C-3/37.792 para 794
[3] Li jikkorrispondi ghall-artikolu 9 tal-Kap. 379

importanti f'dan il-kaz hu li l-MCCMC ma kienetx tikkompeti fit-*tied market* u ghalhekk l-agir taghha ma kienx jirristringi l-kompetizzjoni b'mod li tiffavorixxi lilha nnifisha a skapitu tal-kompetituri l-ohra fl-istess suq. Minn-naha l-ohra, mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellanta kienet l-unika kompetitrici f'dan is-suq u ghalhekk, kif tajjeb qal l-Ufficju (fol. 29 u 30 para. 84, 85), lanqas jista' jinghad li l-agir tal-MCCMC kellu jew seta' kellu l-effett li jirristringi l-kompetizzjoni fl-istess suq u dan in kwantu xejn ma seta' jwaqqaf lill-appellanti milli jipprovdu s-servizzi taghhom ghall-bqija tas-suq kollu - *inter alia* fir-rigward ta' bejgh ta' biljetti ghal kuncerti u attivitajiet sportivi u kulturali – kif fil-fatt ghamlu.

Fir-rigward tat-*tying market*, ossia s-suq tal-kiri tat-teatri maghluqa, t-Tribunal jaqbel mar-rapport tal-Ufficju (fol. 30 para. 87) fejn jirrizulta li l-agir tal-MCCMC ma kellux l-effett li jsahhah il-posizzjoni tal-istess MCCMC f'dan is-suq. Fil-fatt jirrizulta li bid-dhul ta' kompetitur iehor f'dan is-suq f'Ottubru tas-sena 2006, u cioe' bil-ftuh tal-Malta Fairs and Conventions Centre (MFCC), in-numru ta' avvenimenti li nzamm fl-MCC minn perjodu ghall-iehor naqas kwazi b'nofs.

Kwindi, ma jirrizultax li l-agir in ezami rrestringa l-kompetizzjoni fis-suq tas-servizz tat-*ticketing* u anqas ma jirrizulta li dan l-agir sahhah il-posizzjoni tal-MCCMC fis-suq tal-kiri tat-teatri.

Ghalhekk ma jirrizultax li l-MCCMC ikkontravvjeniet l-artikolu 9(2)(d) tal-Kapitolu 379 u kwindi dan l-aggravvju tal-appellanti qieghed jigi michud.

**Decide**

Dan it-Tribunal ghalhekk jichad fl-intier tieghu l-appell tas-socjetajiet Miqna Systems Limited u Maltaticket.com Limited u jikkonferma d-Decizjoni tal-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta tat-2 ta' Dicembru 2008.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------